# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Gunju, 2001**

**Numru 14**

**Cit. Nru. 918/01 GCD**

**Savemart Company Limited**

**Vs**

**M.A. Supermarkets Limited u Michael Debono**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici hija l-proprjetarja tal-fond konsistenti f'supermarket li jinsab f'San Gwann, Naxxar Road bla numru imsemmi SAVEMART BUILDING, mibni fuq erba' sulari, flimkien ma' store bl-isem KAIUS, liema fond flimkien mal-avvjament gie mikri lis-socjeta` konvenuta M.A. Supermarkets Ltd. permezz ta' kuntratt pubbliku tas-7 ta' Awissu 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Victor Bisazza (Dok. A);

Illi s-socjeta` konvenuta M.A. Supermarkets Ltd. hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' (Lm14,710.05) erbatax-il elf seba' mija ghaxar liri Maltin u hames centezmi rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-kera ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2001 sat-30 ta' Gunju 2001 flimkien ma' l-imghax relattiv kalkolat a skaletta sat-28 ta' Mejju 2001;

Illi permezz ta' skrittura privata tal-15 ta' Settembru 1999 "Agreement and Declaration of Responsibility" il-konvenut Michael Debono fil-kapacita` tieghu personali, dahal bhala garanti solidali mas-socjeta` konvenuta M.A. Supermarkets Ltd. (Dok. "B");

Illi ai termini tal-istess kuntratt ga la darba s-socjeta` konvenuta ma hallsitx l-iskadenzi dovuti u baqghet moruza nonostante li giet debitament interpellata permezz ta' ittra ufficjali tas-27 ta' April 2001 li giet notifikata fit-8 ta' Mejju 2001, ghalhekk hemm ksur tal-ftehim lokatizju bejn il-partijiet u ghaldaqstant l-istess kirja ghandha titqies bhala xolta ipso iure, u s-socjeta` konvenuta hija ghalhekk obbligata li tivvaka l-fond de quo u tikkonsenja c-cwievet tal-istess lis-socjeta` attrici, ai termini tal-artikolu numru 3 tal-imsemmi kuntratt;

Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti pero` baqghu inadempjenti;

Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici, il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu

u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta’ u tiddeciedi l-kawza ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

2. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta u lill-konvenut Michael Debono bhala garanti solidali mas-socjeta` konvenuta debituri ta’ l-atturi fis-somma ta’ Lm14,710.05 (erbatax-il elf seba’ mija u ghxar liri Maltin u hames centezmi),

3. tikkundannahom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm14,710.05 (erbatax-il elf seba’ mija u ghaxar liri Maltin u hames centezmi);

4. tiddikjara l-lokazzjoni de quo bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti bhala xolta ai termini tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt tas-7 ta’ Awissu 1998, u

5. tordna lis-socjeta` konvenuta tivvaka l-fond de quo u tikkonsenja c-cwievet relattivi lill-atturi fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax ulterjuri kalkolabbli mis-26 ta' Mejju 2001 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 2001, u tal-mandati ta' sekwestru, ta' qbid u ta' inibizzjoni pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuti u b'riseva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` attrici naxxenti mill-kuntratt ta' lokazzjoni tas-7 ta' Awissu 1997.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta M.A. Supermarkets Limited li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni safejn maghmula kontra taghha jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici kif dedotti fic-citazzjoni kontra M.A. Supermarkets Limited, bl-ispejjez kontra l-konvenuta, b'dan illi l-izgumbrament ghadu jsehh sa xahrejn millum.

Tordna li l-kawza tkompli miexja kontra l-konvenut l-iehor.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm